32006R1951



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1951/2006

## tal-21 ta' Diċembru 2006

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 dwar ċerti modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, f'dak li jikkonċerna l-preżentazzjoni tal-inbejjed ittrattati fil-kontenituri tal-injam

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1) u l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 22(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni tal-origini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid [2], jiffissa l-kundizzjonijiet ta' użu tal-indikazzjonijiet relatati mal-metodu ta' elaborazzjoni tal-prodott f'dak li jikkonċerna l-użu ta' kontenitur tal-injam tal-ballut fil-preparazzjoni tal-inbid.

(2) L-imsemmija dispożizzjoni tillimita l-użu ta' ċerti termini indikati fl-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 753/2002 għall-inbejjed biss li kienu esklussivament iffermentati, żviluppati fit-togħma jew li kellhom maturazzjoni f'kontenitur tal-injam tal-ballut.

(3) Filwaqt li hu minnu li l-injam tal-ballut hu normalment u tradizzjonalment użat fil-prodotti tal-buttar, speċijiet oħra ta' njam, bħall-fraxxnu u l-qastan huma wkoll użati f'ċerti Stati Membri. Ikun xieraq għalhekk li jitħalla l-użu tat-termini indikati fl-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 753/2002 għal speċijiet ta' njam ieħor minbarra l-ballut, bil-kundizzjoni li l-indikazzjoni inkwistjoni tkun eżatta u li ma tqarraqx. Sabiex jiġi evitat kull tfixkil fil-kompetizzjoni bejn il-produtturi, hu meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli xierqa dwar it-tikketti.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Inbejjed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 hu emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 22(3) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Għad-deskrizzjoni ta' nbid iffermentat, żviluppat fit-togħma jew immaturat f'kontenitur tal-injam, l-ismijiet li jidhru fl-Anness X huma l-uniċi li jistgħu jintużaw. Madankollu, għall-inbejjed ta' din ix-xorta, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ismijiet oħra ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness X, bil-paragrafi 1 u 2 japplikaw *mutatis mutandis*.

L-użu ta' wieħed mill-ismijiet indikati fl-ewwel paragrafu hu permess meta l-inbid ikun immatura fil-kontenitur fl-injam skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, anki meta l-maturazzjoni tiġi mtawla f'tip ieħor ta' kontenitur. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li huma jieħdu biex jimplimentaw l-ewwel paragrafu.

Għad-deskrizzjoni ta' nbid elaborat permezz ta' biċċiet ta' njam tal-ballut, anki flimkien mal-użu ta' kontenitur(i) tal-injam, l-ismijiet indikati fl-ewwel paragrafu ma jistgħux jintużaw."

2) L-Anness X qed jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

[2] ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1507/2006 (ĠU L 280, 12.10.2006, p. 9).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"L-ANNESS X*

**Kliem awtorizzati li jidhru fuq it-tikketta tal-inbejjed skont l-Artikolu 22(3)**

| | | |
|---|---|---|
| 'iffermentat fi krietel' | 'iffermentat fi btieti ta' [*l-isem tal-ispeċi tal-injam ikkonċernat*]' | 'iffermentat fi btieti' |
| 'immaturat fi krietel' | 'immaturat fi btieti ta' [*l-isem tal-ispeċi tal-injam ikkonċernat*]' | 'immaturat fi btieti' |
| 'misjur fi krietel' | 'misjur fi btieti ta' [*l-isem tal-ispeċi tal-injam ikkonċernat*]' | 'misjur fi btieti'" |